MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Numru 110/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**VS**
**VICTOR BUTTIGIEG**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Victor Buttigieg ta' 28 sena iben il-mejjet Anthony u Emanuela nee' Zammit imwieled Pieta' fid-9 ta' Settembru, 1972 u joqghod Casa Buttigieg, Labour Avenue, Naxxar, detentur ta' l-karta ta' identita' numru 474072M, billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Ottubru, 2000 u s-sena ta' qabel fin-Naxxar u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza,

u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament VIII tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi, kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza ta’ l-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli bi hsieb li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ PC 1408 Christopher Agius, persuna nkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorita’ kompetenti, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, billi saq vettura numru GAF 184 tal-marka Lada Samara fid-direzzjoni tal-persuna hawn fuq imsemmija;

Talli fil-25 ta’ Ottubru, 2000 gol-limiti tal-Mosta ghal habta ta’ l-11.50 hours ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1408 Christopher Agius skond ma ccertifika t-tabib Dr Marthese Ellul tal-Emergenza ta’ l-isptar San Luqa;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet ligittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li ma jkunx inkarigat mis-servizz pubbliku, u ma halliex jew fixkel waqt li PC 1408 Christopher Agius kien qieghed jaghmel dmiru, bi ksur ta’ l-artikolu 338 (e) (e) tal-Kodici Kriminali;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi saq vettura numru GAF 184 b’manjiera perikoluza, bi traskuragni u negligenti u bi speed eccessiv;

Talli ikkommetta t-tali reati li ghalihom hemm il-piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Magistrati ta’ Malta, Awla 3 datata 8 ta’ Marzu, 1999;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-ufficjal prosekutur Spettur Josric Mifsud a fol. 26 jirrizulta li l-pulizija tad-Drug Squad kienu baghtu unit tissorvelja l-vicinanzi ta’ l-fabbrika ta’ Hal Mann wara rapporti anonimi li kienet qed issir xi attivita’ illegali u jew tehid ta’ droga hemmhekk. Illi f’qasir zmien dan il-unit talab il-Control Room tal-Kwartieri Generali ghall-assistenza wara li rraportaw li nstabu zewg vetturi li s-sewwieq tat-tielet vettura kien saq ghal fuq il-pulizija. Il-vettura in kwistjoni kienet Lada Samara bin-numru ta’ registrazzjoni GAF 184 li kienet misjuqa mill-imputat. Minn hemm unit ohra tal-pulizija li kienu fil-vicinanzi ssejhu ghall-assistenza, u l-Lada indikata giet intercettata. Il-pulizija wettqu tfittxija fil-vettura izda Victor Buttigieg minn rajh ghadda lill-pulizija d-drogi li kellu fil-pussess tieghu, (ara fol. 27). Infatti nstabu ‘citric acid’, u siringa b’sustanza ta’ kulur kannella fil-karozza. L-imputat umbaghad ittiehed id-Drug Squad fejn irrilaxxja stqarrija esebita a fol. 5. F’din l-istqarrija l-imputat iddikjara li huwa kien jahdem ghal rasu fil-gebel, u li dak il-lejl kien mar jixtri d-droga eroina minn Naxxar u ddecieda li jsajjarha u jamministrha lilu nnifsu fil-vicinanzi tal-fabbrika ta’ Hal Man:

“kif kont qieghed hemm gew xi pulizija u kif rajthom ippanikkjajt u soqt 'l hemm”,
U dan ghaliex hu kellu siringa mimlija eroina f’idejh. Din is-siringa tqeghdet fil-boot tal-vettura Lada aktar tard,

“nghid ukoll illi jiena u nsuq ‘l hemm il-pulizija sparaw diversi tiri bil-pistola fid-direzzjoni tieghi, ghax jiena hrabt meta smajt it-tiri”.

Mistoqsi jekk gharafx lill-pulizija l-imputat stqarr li huwa bil-fixkla ma ndunax ghaliex kif sema’ min jghajjatlu, qabad u saq. Aktar tard jghid:

“meta hrabt kien hemm pulizija quddiemi u beda jispara lejja”.

Kien f’dawn il-mumenti li nduna li kien pulizija. L-imputat ammetta li kien ilu jiehu l-eroina xi erba’ jew hames snin, u li kellu kaz ma’ l-ispettur Aquilina xi tliet snin qabel. Waqt it-tfittxija l-imputat kien wera lill-pulizija fejn kien heba s-siringa bid-droga halli hadd ma jwegga’. L-imputat wera x-xewqa tieghu li jibda programm.

Illi wara li rrilaxxja l-istqarrija tieghu l-imputat giet eskortat sal-karozza tieghu li giet iffotografata fil-prezenza tieghu. Fuq din il-karozza ma nstabet ebda evidenza ta’ xi tiri tan-nar, izda kellha grif bit-trab u hamrija fuq il-genb tan-naha tal-passiggier.

L-ispettur Josric Mifsud xehed ukoll a fol. 28 illi gew interrogati wkoll PC 543 u PC 1408 li spicca rikoverat l-isptar.

Fix-xhieda tieghu a fol. 30 et seq PC 543 Francis Farrugia xehed illi hu u PC 1408 kienu gew ordnati li jmorru fil-vicinanzi wara l-fabbrika ta’ Hal Man biex jiccekkjaw zewg karozzi fuq suspett ta’ traffikar ta’ drogi. Illi meta waslu, huma pparkjaw ‘il gewwa u hargu bil-mixi biex ma jaghtux fil-ghajn.

PC 543 qal li huwa mar fuq l-Escort waqt li PC 1408 mar fuq il-Lada Samara hamra. PC 543 xehed illi huwa sab zewg persuni fl-Escort il-hamra u li waqt li kien qed jittawwal go din il-karozza sema’ hsejjes ta’ radio jaghti bis-sahha, dar u ra l-karozza Lada Samara issuq fid-direzzjoni ta’ PC 1408 u tajritu ghal mal-hajt. PC 543 jghid li kif ra hekk, hareg il-pistola u spara ‘warning shot’

wara li widdeb lis-sewwieq biex jieqaf ghal darba, darbtejn, (ara fol. 31). Illi di piu' PC 543 gera wara karozza Lada, din il-karozza habtet mal-hajt, u l-istess PC 543 prova jaqla' c-cwievet mill-ignition, izda l-imputat "saq bija b'kollox kwazi u baqa' sejjer". PC 543 gharaf lill-imputat bhala s-sewwieq tal-Lada Samara hamra, (ara fol. 32).

Spettur Josric Mifsud a fol. 51 esebixxa tlettax –il ritratt il juru l-hsarat fuq il-karozza Lada Samara hamra li ntuzat fl-incident.

PC 1408 Christopher Agius a fol. 54 et seq, xehed illi fil-11.45am fuq struzzjonijiet mahruga mill-Control Room hu u PC 543 eccedew fil-vicinanzi ta' Hal Man fejn kien hemm ipparkjati zewg karozzi. PC 1408 stqarr illi huwa mar jigri fuq Lada Samara hamra waqt li PC 543 mar fuq l-Escort. PC 1408 jghid:

"Tal-Lada affaccjajtu jiena personali u ghidtlu il-kelma pulizija". Dan startja l-karozza, lewa l-isteering ghal fuqi mill-ewwel u saq. Jiena dak il-hin ghidtlu 'x'ser taghmel?'. Qabad irriversja l-karozza gas down u jiena qbadt mal-bieba tieghu biex forsi naqlghalu c-cavetta. Grejt madwar erba' jew hames piedi umbaghad l-isqaq djieq aktar u lili ghaffigni mal-hajt, tant li tefghani fl-art u baqa' jsuq".

PC 1408 xehed illi dak il-hin il-kollega tieghu ta warning shot fl-ajru u talab ghall-assistenza. Nel frattemp harbet ukoll persuna li kienet fl-Escort. PC 1408 xehed illi huwa mar il-polyclinic izda dawn baghtuh l-isptar. Xehed ukoll illi kien sema' lil PC 543 jaghti deskrizzjoni tas-sewwieq tal-Lada fuq ir-radio. Kompla jghid li l-Pulizija rnexxielhom ukoll jarrestaw lill-persuna li kienet harbet mill-Escort u nstabet mohbija wara cint. PC 1408 gharaf lill-imputat bhala s-sewwieq ta' Lada Samara hamra u kkonferma li meta kien avvicina din il-karozza huwa kien liebes **l-uniformi tal-pulizija.** Ikkonferma wkoll li qallu l-kliem pulizija, u li PC 543 kien spara warning shot fl-ajru lejn in-naha tal-eghlieqi.

L-imputat minn naha tieghu xehed a fol. 68 et seq li huwa kien qieghed wara l-fabbrika ta' Hal Mann:

"u mbaghad gew il-pulizija u kif gew il-pulizija….. wiehed gie jkellimni, u smajt diversi tiri fid-direzzjoni ta' l-isqaq, fl-isqaq lejna fhimt. Qbadt it-triq u soqt jiena ghax kien hemm l-Escort qabli wkoll".

Mitlub jghid jekk gharafx illi kienu pulizija l-imputat jghid a fol. 69 "dak il-hin hasduni jiena, gharafthom umbaghad, iva". Ikkonferma wkoll li kienu lebsin l-uniformi. L-imputat xehed a fol. 71 illi kif gew il-pulizija huwa kien bis-siringa f'idejh, siringa mimlija eroina diga' msajra. L-imputat qal li saq 'l hemm ghaliex sema' it-tiri u sahaq illi sahansitra kellu s-saqaf tal-karozza milqut. L-imputat stqarr li meta nduna bil-pulizija huwa kien lemhu fuq il-parti tal-gnub tal-karozza fuq wara. Illi meta ppanikja huwa rriversja u saq u ma kellu ebda hsieb li jolqot lill-pulizija. Hu jghid li fil-fatt ma laqtux bil-karozza tieghu. Jeskludi li seta' laqtu bil-mera ghaliex il-karozza lanqas kellha mera. Illi wara li saq l-imputat jghid li kien gie intercettat mill-pulizija u arrestat.

In kontro ezami l-imputat ammetta illi **s-sekwenza korretta tal-fatti kienet li huwa kien qieghed jamministra d-droga, li gew il-pulizija, li ppanikja u saq, umbaghad sparaw it-tiri l-pulizija,** (ara fol. 81). A fol. 85, l-imputat pero' jerga' jsostni li telaq ghaliex il-pulizija bdew jisparaw. A fol. 87 l-imputat ikkonferma li l-pulizija li spara ma kienx dak li kien mal-genb tal-karozza izda pulizija iehor.

**Ma saret ebda prova dwar recidiva u ma gietx esebita s-sentenza sospiza tat-8 ta' Marzu, 1999.**

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti huwa abbastanza car u inekwivoku li l-imputat inqabad in flagrante bis-siringa mimlija eroina meta gie imwaqqaf minn pulizija bl-uniforma fil-11.45am, fid-data citata fl-akkuza. Kif ra l-pulizija hu ppanikja, u akkost ta' kollox ried jahrab minn fuq il-post: dan minkejja li kellu l-pulizija PC

1408 magenb tal-karozza tieghu, minkejja li ddendel mal-bieba tal-karozza biex iwaqqaf lill-imputat u jipprova jiehu c-cwievet mill-ignition, minkejja li gie mgerbeb mal-karozza u mkaxkar sakemm l-isqaq djieq. Infatti PC 1408 inqabad bejn il-karozza ta' l-imputat u hajt tas-sejjieh u ntefa' mal-art. L-imputat ried jahrab a kwalunkwe kost u ma waqafx lanqas meta wegga' lil PC 1408, lanqas meta gie ntercettat mit-tieni pulizija PC 453 li gera wara l-karozza. Lanqas ma waqaf meta l-karozza dahlet go hajt. L-imputat ma waqafx meta PC 453 ipprova jiehu c-cwievet tal-karozza li kien qed isuq.

Ikkunsidrat:

Illi ghar-rigward ta' l-ewwel akkuza, dik ta' pussess ta' eroina, din l-Qorti mhijiex se tezamina din l-akkuza stante illi hija ammessa mill-imputat kemm fl-istadju ta' l-istqarrija, kif ukoll fix-xhieda ta' l-imputat quddiem il-Qorti. Ghar-rigward tat-tielet akkuza ta' feriti hfief fuq PC 1408, u r-raba' akkuza, u cioe' li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, kif ukoll il-hames akkuza ta' sewqan perikoluz, dawn fil-fehma tal-Qorti jinsabu sodisfacentement pruvati sal-grad probatorju rikjest mill-ligi. Dan qed jinghad mhux biss ghaliex il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha, imma ghaliex il-verzjoni moghtija mill-imputat quddiem din il-Qorti tikkorrabora pjenament ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

L-istess pero' ma jistax jinghad ghar-rigward tat-tieni u s-sitt akkuza. Il-Qorti ser tibda' biex tezamina s-sitta akkuza u fil-fehma taghha, gara darba li l-Prosekuzzjoni naqset li tipproduci mhux biss is-sentenzi decizi kontra l-imputat, izda naqset li tressaq ukoll il-prova ta' l-identita' dwar l-istess, kif naqset ukoll li tipproduci s-sentenza ta' prigunerija sospiza, tat-8 ta' Marzu, 1999 sabiex din il-Qorti f'kaz ta' htija tkun f'posizzjoni li tirrendiha operattiva.

Illi f'tali mankanzi serji, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati tas-sitt akkuza.

Jonqos biss tigi ezaminata t-tielet akkuza, u cioe' dik ta' attentat ta' griehi ta' natura gravi. Illi Smith and Hogan l-Criminal Law, f'pagna 46, jghidu li l-mensrea hija:

"intention or recklessness with respect to all those circumstances and consequences of the accused's act, (or the state of affairs) which constitute the actus reus of the crime in question".

Illi f'kaz ta' akkuzi ta' griehi gravi pero', jehtieg intenzjoni specifika jew 'ulterior intent'. Illi ghalhekk id-Difiza rriteniet fit-trattazzjoni illi f'mankanza ta' intenzjoni specifika da parti tal-imputat biex iwegga' lill-Pulizija, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat la ghal l-akkuza ta' feriti gravi u lanqas ghal l-attentat tal-istess reat.

Illi l-gurisprudenza Ingliza tirritjeni pero' illi meta fejn si tratta ta' 'an unlawful act' li takkompanja akkuza ta' griehi gravi, l-intenzjoni generika hija bizzejjed. Infatti, Lord Denning jghid is-segwenti:

"In the category of manslaughter relating to an unlawful act the criminal must do a dangerous act that is likely to frighten or harm someone". CF Gray vs Barr 1971 2QB 554.

In oltre Humphrys J jghid is-segwenti:

"When an act which a person is engaged in performing is unlawful, then if at the same time it is a dangerous act, that is, an act which is likely to injure another person, and quite inadvertently he causes the death of that other person by that act, then he is guilty of manslaughter". Smith and Hogan-Criminal Law-at page 251.

Illi jidher ghalhekk illi meta si tratta ta' 'an unlawful act' li takkumpanja akkuza ta' griehi gravi, jehtieg li tigi ippruvata biss l-intenzjoni biex tbezza' jew intenzjoni li twegga' jew li taghmel hsara fuq persuna, jew 'recklessness' ghal konsegwenzi ta' ghemilu. Illi bla dubju ta' xejn il-kaz odjern jaqa' car u tond taht dak li kien mahsub 'by an unlawful act'. Mhux biss l-imputat kien qieghed

jamministra d-droga eroina lilu nnifsu, imma kien qieghed jirrezisti l-arrest minn ufficjali tal-pulizija bl-uniformi.

Illi fil-kaz odjern ma hemm dubju ta' xejn li l-imputat kien inhasad u akkost ta' kollox ried jahrab minn fuq il-post biex jiskappa mill-pulizija. Huwa evidentissimu li l-imputat b'pulizija mqabbad mal-karozza kien jaf li jekk kien ser ikompli jsuq, l-istess pulizija kien ser iwegga' serjament. Illi cioe' nonostante baqa' jsuq b'manjiera perikoluza, wegga' lil PC 1408, habat go hajt u anke wara t-tieni intercezzjoni, din id-darba minn PC 543, l-imputat xorta baqa' jsuqb'mod perikoluz. Illi huwa daqshekk iehor ovvju li bniedem ragjonevoli kien jifhem li f'dawn ic-cirkostanzi u b'sewqan b'pulizija mqabbad ma' karozza, l-konsegwenzi kienu jkunu ta' griehi ta' certu gravita'. Illi f'dan is-sens, ghaldaqstant, il-Qorti tifhem illi l-imputat mhux biss ta bidu ghal l-ezekuzzjoni tad-delitt, izda dan id-delitt ma garax minhabba xi haga accidentali ndependentement mill-volonta' tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames akkuza, bit-tielet akkuza assorbita fit-tieni akkuza, mhux hati tas-sitt akkuza u minnha tilliberah, u wara li rat Regulation 4 u 6 ta' l-Ordinanza dwar Medicina Perikoluza tal-Kap 101,u Regulation 8 tal-Governament Notice 292 ta' l-1939, kif emendat b'Kap 101, Artikolu 216, Artikolu 41, Artikolu 221, Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9, Artikolu 15 tal-Kap 66, tikkundannah ghal sentejn prigunerija, waqt li tirrakkomanda lill-imputat isegwi programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga minn hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Din il-piena qed tigi nflitta wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghalkemm ilu 'addict' fuq l-eroina ghal zmien konsiderevoli, qatt ma rnexxielu jaghmel tentattiv serju biex jeghleb id-dipendenza li ghandu fuq id-drogi. Din il-Qorti temmen, in oltre, illi l-imputat mhuwiex kapaci li jeghleb dan il-vizzju wahdu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------